MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 3/2024 LM

**Ivan Sammut (K.I. nru. 83271M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ivan Sammut (K.I. nru. 83271M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Jannar, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mill-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'] sabiex jikkontesta

deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fit-12 ta' April, 2022, fejn l-intimat irrifjuta t-talba tar-rikorrent sabiex jingħata l-Benefiċċju għal Korriment, għaliex ir-rikorrent naqas milli jimla l-formoli mibgħuta lilu fil-ħin. Fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru ddeċieda kif ġej:

> *"Għaldaqstant l-Arbitru jiddisponi minn dan l-Appell u dan fuq il-provi mressqa, billi jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent fit-12 ta' April, 2022, id-Direttur Ġenerali intimat infurmah li l-Benefiċċju għal Korriment li huwa applika għalih wara diżgrazzja li ġratlu fil-11 ta' Frar, 2022, ma kienx ser jingħatalu għaliex ir-rikorrent naqas milli jirrispondi għaż-żewġ formoli mibgħuta lilu mid-Dipartiment. Ir-rikorrent laqa' għal dan billi intavola appell mill-imsemmija deċiżjoni quddiem l-Arbitru, fejn spjega li l-korrispondenza mibgħuta lilu mid-Dipartiment intbagħtet fl-indirizz 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat. Il-pustier indika fuq l-envelopp li huwa ma setax isib l-indirizz hemm indikat. Ir-rikorrent qal li fuq il-formola mimlija u sottomessa minnu lid-Dipartiment, huwa indika bħala indirizz tiegħu il-fond 'Tal-Bajku', limiti tal-Buskett, is-Siġġiewi, u qal li dan huwa indirizz li tniżżel fuq karta tal-identità ġdida maħruġa lilu tliet ijiem biss qabel il-korriment. Qal ukoll li l-pustier ma sabx dan il-post għaliex l-indirizz huwa wieħed ġdid u l-post qiegħed fil-kampanja. Ir-rikorrent talab li l-posta tibda tintbagħat lilu fl-indirizz 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat, u dan sabiex jassigura li l-ittri mibgħuta lilu, verament jaslu għandu.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li r-rikorrent baqa' ma bagħatx il-formuli meħtieġa lura, u għad li kien irċieva l-ittra, ir-rikorrent baqa' ma weġibx.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni appellata, l-Arbitru iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru:*

*Ra li l-appellant Ivan Sammut daħħal appell fejn qal li huwa kien applika minħabba korriment fuq ix-xogħol fuq talba li huwa kien għamel nhar is-17 ta' Frar, 2022. Illi ġara però li d-DSS kienu nfurmawh li ma kienx intitolat għal dan il-benefiċċju minħabba li huwa kien naqas li jibgħat fiż-żmien stipulat il-formoli li kienu bagħtulu.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-appellant qal li huwa ma kienx irċieva dawn il-formoli fl-indirizz fejn huwa kien qiegħed joqgħod. Huwa qal li qatt ma kien irċieva dawn il-formoli sa dak il-mument. Huwa żied li kien irċieva envelope bid-data tad-19 t'April, 2022 fuq indirizz ġewwa 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat fejn ukoll kien hemm indirizz ieħor li skont il-pustier ma kienx sabu. Huwa ammetta li kien irċieva dawn il-formoli ġewwa l-indirizz tar-Rabat.*

*Ikkunsidra*

*Illi f'dan il-każ xehdet Charmaine Cini li hija impjegata fi ħdan id-DSS fejn spjegat li hija kienet bagħtet l-ittri lill-appellant fl-indirizz mogħti lilhom. Illi ġara li dawn l-ittri bdew jiġu lura minħabba li l-indirizz ma setax jinstab. Illi minħabba li hija kienet taf fejn jaħdem bagħtet email lilhom u infurmathom li għandha tibgħat il-korrispondenza ġewwa l-indirizz tar-Rabat. Illi kompliet tgħid li għalkemm din l-okkażjoni waslu l-ittri għandu l-appellant xorta ħalla ż-żmien jgħaddi sabiex jibgħat il-formoli mitluba lilu. Fil-fatt kienu waslu għand id-DSS f'Lulju 2022 u dan minn Marzu 2022 ta' meta kienu bagħtu l-aħħar korrispondenza lilu. Hija fil-fatt kienet taf li waslet l-ittra għandu iżda ma setgħetx taċċetta li wara erba' xhur li waslet l-ittra tiġi mibgħuta lilhom sabiex tiġi proċessata. Illi f'dan il-każ l-ittra ma ġietx lura bħal ma kien ġara f'okkażjonijiet oħra.*

*L-appellant xehed permezz ta' affidavit fejn qal rigward li l-ewwel darba ma kienx irċieva l-ittra. Illi meta kien irċieva l-ittra bil-formola minħabba li ma kinux laqgħu t-*

*talba tiegħu mar ikellem il-ħaddiema tas-Sigurtà Soċjali. Kienu infurmawh li każ tiegħu kien magħluq u li l-unika ħaġa li jista' jagħmel kien li jappella mid-deċiżjoni. Kien biss fis-7 ta' Lulju, 2022 li kien bagħat dawn il-formoli minħabba l-fatt li kienu qalulu li seta' jagħmel dan. Huwa għalhekk ħassu li ma kinux gwidawh sew b'dak li kien ġara.*

*Ikkunsidra*

*Illi f'dan il-każ hemm żewġ verżjonijiet differenti minn xulxin fejn l-appellant jgħid li huwa kien bagħat id-dokumenti tard għax kienu tawh informazzjoni ħażina. Illi min-naħa l-oħra d-DSS tella' bħala xhud lil Charmaine Cini fejn spjegat eżatt x'kienet għamlet sabiex tagħtih kull opportunità li jkun jista' jibgħat il-formuli mitluba. Illi però kien biss f'Lulju li waslu għandha. Illi l-appellant jistqarr li huwa ġie żgwidat meta mar ġewwa l-uffiċċju tad-DSS fejn qalulu li ma seta' jagħmel xejn ħlief li jitfa' appell. Illi biss wara li reġa' mar għandhom qalulu li seta' jibgħat il-formoli u għalhekk kienu waslu ġewwa d-DSS f'Lulju.*

*Illi l-Arbitru mill-fatti tal-każ juri li hemm sitwazzjoni fejn il-posta ma kinitx qiegħda tasal għand l-appellant. Illi però wara li l-istess Charmaine Cini bagħtet email u ngħatat indirizz fejn għandha tasal il-posta, dan fil-fatt kienu waslu għandu. Illi l-Arbitru ma jemminx li l-appellant wara li appella l-każ tiegħu reġa' mar għand l-uffiċċju u din id-darba qalulu li seta' bagħat dawn il-formoli. Illi jekk kien il-każ, li ried jistaqsi kellu kull opportunità li jagħmel dan ma' Charmaine Cini li ħadet l-iżbriga li terġa' tibgħat dawn il-formoli biex jiġu proċessati. Illi jidher li l-appellant naqas li jimla u jibgħat il-formoli u anki meta fil-5 ta' April kien informa lid-DSS bl-indirizz fejn għandhom jibagħtu l-informazzjoni. Tant li anke xi ġranet qabel bl-email mibgħuta minn Charmaine Cini tat l-informazzjoni dwar il-korrispondenza li qiegħda tintbagħat.*

*Decide*

*Għaldaqstant, l-Arbitru jiddisponi minn dan l-appell u dan fuq il-provi mressqa, billi jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-23 ta' Frar, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Jannar, 2024, kif ukoll tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-appellat tat-12 ta' April, 2022, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

6. L-appellant spjega li huwa jaħdem bħala *inspector* mal-Water Services Corporation, u fl-10 ta' Frar, 2022, waqt li kien fuq xogħlu, huwa ħass uġigħ kbir f'dahru sal-punt li la seta' jiċċalaq u lanqas isuq. Qal li t-tabib Alex Magri dakinhar mela l-formula 'Benefiċċju ta' Korriment' f'ismu, u huwa bagħatha lit-Taqsima Riżorsi Umani tal-WSC, fejn indika l-indirizz tar-residenza tiegħu bħala 'Tal-Bajku', il-Buskett, limiti tas-Siġġiewi, flimkien man-numru tal-*mobile.* L-appellant qal li permezz ta' avviż mibgħut lilu fit-12 ta' April, 2022, li wasal fl-indirizz 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat, huwa ġie infurmat li mhuwiex intitolat għall-benefiċċju li applika għalih għaliex naqas milli jimla u jibgħat żewġ formoli li allegatament kienu ntbagħtu lilu qabel dik id-data. Żied jgħid li huwa mar fl-uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali jinforma ruħhu aħjar dwar dan, fejn ġie infurmat li seta' jressaq appell quddiem l-Arbitru. Qal li fid-19 ta' April, 2022, reġa' wasal envelopp ieħor mibgħut mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fl-indirizz 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat, u l-indirizz li kien jidher fuq l-ittra f'dan l-envelopp kien 'Tal-Bajku', limiti tal-Buskett, Siġġiewi, li l-pustier kien diġà indika li ma jeżistix. Qal li għal darb'oħra, huwa mar fl-uffiċċju tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn ġie infurmat li seta' jappella quddiem l-Arbitru peress li l-każ tiegħu kien indikat bħala magħluq. Qal li kien għalhekk li huwa ressaq appell quddiem l-Arbitru, u issa jħossu aggravat bid-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tiegħu.

7. L-appellant qal li l-Arbitru ma evalwax il-provi b'mod korrett sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Qal li għalkemm huwa prinċipju stabbilit li qorti ta' appell ma tiddisturbax il-provi fl-ewwel istanza, għandu jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-provi li saret mill-Ewwel Qorti, wasslet għal inġustizzja manifesta. Qal li għandu jirriżulta mill-karta tal-identità tiegħu u mill-formola 'Benefiċċju ta' Korriment'

mimlija f'ismu, l-indirizz residenzjali tiegħu huwa 'Tal-Bajku', il-Buskett, limiti tas-Siġġiewi, imma minkejja dan, id-Dipartiment beda jibgħat l-ittri f'indirizz ħażin, u ċioe 'Tal-Bajku', limiti tal-Buskett, Siġġiewi, liema indirizz ġie indikat mill-pustier bħala ineżistenti. L-appellant qal li r-rappreżentanta tad-Dipartiment minflok ma vverifikat l-indirizz mal-formola 'Benefiċċju ta' Korriment' mimlija minnu, jew mal-karta tal-identità pprovduta minnu, jew ikkuntattjatu fuq in-numru tat-telefon indikat minnu, din għażlet li tkellem lit-Taqsima Riżorsi Umani tal-WSC, u b'hekk kisbet indirizz preċedenti fejn kien jgħix l-appellant, jiġifieri 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat. L-appellant qal li minkejja li d-Dipartiment kellu dan l-indirizz alternattiv tiegħu, l-ewwel korrispondenza li ntbagħtet lilu f'dan l-indirizz kienet li huwa m'għadux intitolat għall-benefiċċji għaliex ma kienx bagħat il-formola lura. Qal li huwa ma kellux mezz kif jibgħat tali formola lura wara din il-korrispondenza, għaliex ma kienx jaf liema formola kienet intbagħtet lilu oriġinarjament. Qal li meta mar id-Dipartiment, huwa ġie infurmat li seta' jappella minn dik id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru.

8. L-appellant qal li fid-19 t'April, 2022, jiġifieri ftit jiem wara li huwa rċieva d-deċiżjoni tad-Dipartiment, huwa rċieva korrispondenza oħra, li għal darb'oħra ntbagħtet f'indirizz postali li mhux dak indikat minnu. Qal li għal xi raġuni, wara li ntbagħtet id-deċiżjoni finali tad-Dipartiment, dan għażel li jibgħat il-korrispondenza oriġinali li ma kinitx waslet fl-indirizz residenzjali tal-appellant, għaliex dan kien miktub ħażin. Qal li meta huwa mar b'din il-korrispondenza fid-Dipartiment, għal darb'oħra reġa' ġie infurmat li l-każ tiegħu kien magħluq, imma huwa seta' jappella quddiem l-Arbitru.

9. L-appellant qal li l-formola li huwa kellu jibgħat, waslet għandu biss fid-19 t'April, 2022, fl-indirizz li ma kienx dak indikat minnu. Qal li mill-fergħa tar-Rabat huwa ġie infurmat li seta' biss jappella mid-deċiżjoni tal-Arbitru kif fil-fatt għamel fil-25 ta' April, 2022, iżda kien biss meta huwa mar fl-uffiċċju tal-Belt li huwa ġie infurmat li huwa xorta waħda seta' jibgħat il-formola tiegħu, minkejja li l-każ tiegħu kien ġie meqjus li huwa magħluq.

10. L-appellant qal li l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li huwa ħalla ż-żmien jgħaddi sabiex jibgħat il-formoli mitluba minnu, u huwa kompletament żbaljat li jingħad li l-aħħar korrispondenza mibgħuta lilu kienet f'Marzu tal-2022. Qal ukoll li l-Arbitru ma kkunsidrax li huwa ma kienx ġie infurmat li seta' jimla l-formola, iżda l-informazzjoni li ngħata mill-uffiċċju tar-Rabat, kienet li huwa seta' jappella. Qal li huwa bagħat l-informazzjoni meħtieġa f'Lulju wara li ġie infurmat mill-uffiċċju tal-Belt li seta' jagħmel dan, u li kieku ma ngħatax din l-informazzjoni ġdida, huwa seta' jibqa' jistenna l-eżitu tal-appell li kien diġà bagħat. Qal ukoll li Charmaine Cini xehdet li għalkemm il-każ ġie indikat bħala wieħed magħluq, huwa xorta waħda seta' jibgħat il-formola. Qal li din ma kinitx informazzjoni li ngħatat lilu mill-uffiċċju distrettwali, u lanqas ma seta' jasal għal din l-informazzjoni waħdu, u huwa straħ fuq l-informazzjoni li ngħata mid-Dipartiment. Qal li kuntrarjament għal dak li qal l-Arbitru, mhux minnu li jeżistu żewġ verżjonijiet kontra xulxin, u l-verżjoni korretta hija li l-korrispondenza ma ntbagħtitx fl-indirizz it-tajjeb, u meta ntbagħtet f'indirizz ieħor kien tard wisq għalih biex jibgħat il-formola, għaliex il-każ kien meqjus li huwa magħluq. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu komunikazzjoni b'mod dirett ma' Charmaine Cini, u kellha tkun Charmaine Cini li tikkuntattjah meta rat li l-indirizz li kitbet kien ħażin. Qal li għandu jirriżulta li huwa spiċċa jerfa' r-responsabbilità għal żbalji li

jirriżultaw manifestement ċari li huma tad-Dipartiment, u li bdew meta nkiteb l-indirizz ħażin fuq l-envelopp, u Charmaine Cini għażlet li tikkomunika mal-WSC minflok miegħu direttament. Qal li mhux minnu li Charmaine Cini ħadet l-iżbriga li terġa' tibgħat il-formoli kif jgħid l-Arbitru, u dan għaliex qabel reġgħu ntbagħtu l-formoli, hija kienet diġà għalqet il-każ għad-Dipartiment. L-appellant qal li lanqas m'huwa minnu li huwa ta xi informazzjoni ġdida lid-Dipartiment fil-5 ta' April kif allegat, għaliex l-informazzjoni kollha meħtieġa ngħatat minnu permezz tal-formola 'Benefiċċju ta' Korriment' ipprovduta fi Frar. Qal li għalhekk joħroġ ċar kemm minkejja l-ftit fatti esposti, l-Arbitru xorta waħda m'għamilx evalwazzjoni tagħhom kif suppost, u jsemmi dati u ċirkostanzi li ma seħħewx. Qal li dan in-nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi wassal biex huwa ġie mċaħħad mill-benefiċċji li kien applika għalihom, meta l-affarijiet setgħu saru b'mod aħjar.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija korretta u timmerita konferma. Qal li l-eċċezzjoni tal-*fuori termine* hija eċċezzjoni preliminari u waħda ta' ordni pubbliku, u għalhekk meta din tiġi mqajjma bħala eċċezzjoni preliminari, l-Arbitru għandu jgħaddi sabiex jiddeċiedi dwarha qabel ma jidħol fil-mertu. Qal li għalhekk l-Arbitru ma kellu l-ebda apprezzament tal-provi x'jagħmel, għaliex fl-ewwel lok kellu jittratta l-eċċezzjoni preliminari. Qal ukoll li l-indirizz fejn intbagħtet il-korrispondenza lill-appellant kien dak indikat minnu fuq l-applikazzjoni tiegħu, jiġifieri '41, Triq San Mikiel, ir-Rabat (Malta)', u dan għaliex id-Dipartiment ma jkunx jaf u lanqas m'għandu l-possibilità li jkun jaf l-indirizzi kollha tal-appellanti. L-appellat qal li mhuwiex minnu li d-

Dipartiment żgwida lill-appellant, u huwa veru li d-deċiżjoni mogħtija kienet waħda finali, u sabiex jikkontestaha huwa kellu jintavola appell. Qal li ladarba l-Arbitru ma tax deċiżjoni dwar il-mertu, l-appell tal-appellant ma setax ikun ibbażat fuq il-mertu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellat.

Qabel xejn però l-Qorti tirrileva li mhuwiex minnu li quddiem l-Arbitru tqanqlet l-eċċezzjoni li l-appell kien *fuori termine,* u dak li fil-fatt kellu jikkunsidra l-Arbitru, kien jekk id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat kinitx waħda raġonevoli u korretta fiċ-ċirkostanzi. Id-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tal-appellant kienet li huwa mhuwiex intitolat għall-benefiċċju mitlub minnu għaliex huwa naqas milli jimla u jippreżenta l-formoli mibgħuta lilu bil-posta fil-ħin stipulat. Kien abbażi ta' din id-deċiżjoni li l-appellant ressaq l-appell tiegħu quddiem l-Arbitru, li għalhekk kellu jikkunsidra l-mertu ta' dan il-każ, u jistabbilixxi jekk id-Direttur Ġenerali appellat kienx korrett fid-deċiżjoni li ħa.

*L-Aggravju:* *[L-appellant jgħid li l-Arbitru naqas milli jagħmel evalwazzjoni korretta tal-provi li kellu quddiemu]*

13. L-appellant jgħid li minkejja li meta huwa mela l-formola jew l-applikazzjoni sabiex jingħata l-Benefiċċju għal korriment li sofra fi Frar tal-2022,

u indika l-indirizz tiegħu bħala 'Tal-Bajku', il-Buskett, limiti tas-Siġġiewi, l-indirizz imniżżel fuq il-korrispondenza li ntbagħtet lilu mid-Dipartiment kien 'Tal-Bajku', limiti tal-Buskett, is-Siġġiewi, u huwa għalhekk li l-pustier li pprova jqassam l-ittri, ma setax isib l-indirizz indikat, għaliex dan kien żbaljat. Qal li għal xi raġuni, minflok ma l-uffiċjali tad-Dipartiment ikkomunikaw miegħu, u minkejja li huwa kien indika wkoll n-numru tal-*mobile* tiegħu, mid-Dipartiment ippreferew li jikkuntattjaw it-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-post tax-xogħol tiegħu, li tawhom indirizz fejn kien jgħix l-appellant qabel. Billi l-appellant ma kienx infurmat u baqa' ma rċeviex din il-korrispondenza, spiċċa ma meliex l-formoli entro t-terminu indikat mill-appellat fil-korrispondenza mibgħuta lilu, imma li qatt ma waslet għand l-appellant jew ma waslitx għandu fi żmien raġonevoli, u għalhekk l-appellant ġie infurmat li l-benefiċċju li kien applika għalih, ma kienx ser jingħatalu.

14. Il-Qorti tqis li l-aktar element kruċjali li jrid jiġi stabbilit fil-każ odjern, huwa jekk id-Dipartiment appellat mexiex b'raġonevolezza meta wasal għad-deċiżjoni tiegħu li l-appellant m'għandux jedd għall-benefiċċju mitlub minnu. Il-Qorti tqis li ladarba jeżistu dubji dwar jekk l-ittri mibgħuta lill-appellant kienux indirizzati korrettement, m'hemm xejn raġonevoli fid-deċiżjoni li ttieħdet li l-appellant m'għandux jedd għall-benefiċċju li applika għalih. Biex josserva t-terminu ta' żmien indikat lilu fuq l-ittra mibgħuta lilu, l-appellant kellu l-ewwel jiġi notifikat bl-istess ittra. Ladarba ma kienx jaf li huwa kellu jimla l-formola, l-appellant ma setax jottempera ruħhu ma' dak mitlub minnu. Barra minn hekk, l-appellant ma kellux jingħata informazzjoni konfliġġenti minn fergħat differenti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan għaliex mill-provi jirriżulta li filwaqt li mill-fergħa tar-Rabat l-appellant ingħata l-informazzjoni li l-uniku mod kif seta'

jipproċedi bl-applikazzjoni tiegħukien billi jappella, għaliex il-każ tiegħu kien magħluq, meta mar fil-fergħa tal-Belt Valletta huwa ġie infurmat li xorta waħda seta' jimla l-formola in kwistjoni, avolja kien hemm appell pendenti. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li kien hemm modi oħra kif id-Dipartiment appellat jikkomunika mal-appellant u jivverifika għalfejn il-posta ma kinitx qiegħda titwassal għandu, iżda l-uffiċjali tad-Dipartiment ippreferew li jikkomunikaw mal-post tax-xogħol tal-appellant milli miegħu direttament. Dan wassal għal konfużjoni bla bżonn, konsegwenza ta' liema spiċċat ittieħdet deċiżjoni kapriċċuża, li finalment ippreġudikat lill-appellant u lil ħadd aktar. Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru u tad-Dipartiment, u sejra tordna lill-appellant jimla mill-ġdid il-formola in kwistjoni bid-dettalji mitluba minnu, u jissottomettieha lid-Direttur Ġenerali appellat fi żmien tmint ijiem ta' xogħol mid-data ta' din is-sentenza, sabiex dan jagħti d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tilqgħu parzjalment, u filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Jannar, 2024, u d-deċiżjoni tal-appellat tat-12 ta' April, 2022, l-appellant għandu jimla l-formola li kienet intbagħtet lilu mid-Dipartiment appellat, u fi żmien tmint ijiem ta' xogħol mid-data ta' din is-sentenza għandu jissottomettieha mill-ġdid għall-konsiderazzjoni tal-appellat, u dan sabiex l-applikazzjoni tiegħu għall-benefiċċju mitlub minnu, tiġi kkunsidrata mill-ġdid.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**